**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 705/2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Dunstan Williams**

Illum, 23 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Dunstan Williams, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 102779(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-22 ta' Diċembru 2020, għall-ħabta ta' 18:40hrs ġewwa Triq il-Ferrovija, Hamrun, Malta –

1. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC 455 G. Bugeja, persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn Awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, ċirkostanzi inġurja,, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PC 455 G. Buġeja, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna/i oħra u ċioe hebb u għamel offiża ta' natura ħafifa fuq il-

persuna ta' PC 455 G. Bugeja skond kif iċċertifikat Dr. Stephanie Palmier M.D. (Reg. No. 3974) miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana, u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215 u 221(1), 221(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'għajjat u ġlied, u bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċikostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lili mill-Pulizija waqt li kienu qegħdin jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, f'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' tieħu ħsieb tiegħu innifsu, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ff) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Mejju 2023, fejn il-Qorti, fuq ammissjoni ta' ħtija għar-reati fit-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 95, 96, 221(1), 222(1)(ċ), 338(dd), 338(ee) u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Dunstan Williams ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u kkundanatu għall-multa ta' erbat elef Euro (€4,000) li għandha titħallas fi żmien sena, kif ukoll sena priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien sentejn mid-data tas-sentenza il-ħati jikkommetti reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Ukoll, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' tliet mija u disgħa u erbgħin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€349.35) rappreżentanti l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri. Finalment, għall-fini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, rabtet lill-ħati Dunstan Williams b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu sabiex iżomm il-paċi ma' PC 455 Gabriel Bugeja u dan taħt penali ta' elfejn Euro (€2,000), għal żmien tnax (12)-il xahar mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fis-26 ta' Mejju 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi:

a) Tikkonfermaha fejn ġiet dikjarata l-ħtija tiegħu fil-konfront tat-tieni, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjoni;

b) Tħassarha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tar-reat kkontemplat fl-artikolu 221(1) u 222(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, u minflok in vista tal-ammissjoni kkwalifikata tiegħu, issibu ħati tal-artikolu 221(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali;

c) Tħassarha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni li titratta l-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali u minflok tilliberah minnha; u

d) Mingħajr preġudizzju għall-aggravji mressqa f'dan l-appell, kwantu piena, tirriforma s-sentenza b'dan li tingħata piena aktar ekwa u miti skond iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 4 ta' Ottubru 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appell intentat mill-imputat Dunstin Williams huwa ċirkoskritt għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn huwa kien misjub ħati tal-ewwel imputazzjoni u ċioe' tar-reat imfassal fl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll għar-rigward tal-klassifikazzjoni tal-offiża subita minn PC 455 u n-natura ta'l-istess., tant illi għalkemm l-appellant irreġistra ammissjoni għall-atti nkriminatorji minnu kommessi, madanakollu ikkontesta r-reita' għad-delitt tal-attakk jew resistenza fuq uffiċjal tal-pulizija, bl-ammissjoni għat-tielet imputazzjoni tkun waħda ikkwalifikata għal-klassifikazzjoni tal-ferita fit-termini ta'l-artikolu 221(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, u dan meta l-Ewwel Qorti sabet ħtija għall-imputazzjonijiet kollha lilu addebitati. Dan l-aħħar ilment huwa mressaq 'il quddiem fl-ewwel aggravju meta l-appellant jisħaq illi mill-provi prodotti, kellhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta'l-Artikolu 221(3) tal-Kodiċi Kriminali biex b'hekk huwa ma kellux jinstab ħati tar-reat ravviżat fl-Artikolu 221(1) u 222(1)(ċ).

Illi ġie deċiż illi:

> **"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.[1]"**

Illi, fil-fatt l-artikolu 221(3) tal-Kodiċi Kriminali jistabbilixxi r-riga li għandha tintuża' biex titkejjel is-serjetà' tal-ferita subita u dan billi jitqies jekk l-effett, kemm fuq il-ġisem tal-offiż kif ukoll moralment, ikunx ta' importanza żgħira. Illi miċ-ċertifikat mediku rilaxxat nhar it-22 ta' Diċembru 2020, minn Dr Stephanie Palmier, jirriżulta li l-parti offiża Gabriel Bugeja, kien iċċertifikat li qed ibati minn "**superficial scratches on ... right forearm**" kif ukoll minn "**superficial skin injury ... over right calf**". L-istess tabiba għaddiet sabiex tikklassifika n-natura ta' dawn il-feriti bħala "**minor save complications**".

Illi, tul il-kors tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti pero', ix-xhud Dr. Stephanie Palmier għamlet *addendum* fiċ-ċertifikat mediku minnha rilaxxat, u dana wara illi fil-15 ta' Frar 2021 reġgħet invistat lil Bugeja, fuq talba tiegħu stess, peress illi huwa kien qed jilmenta mill-fatt illi, xahrejn wara, din il-ferita kienet baqgħet tidher qisha bħal tebgħa fuq il-pexxul. It-tabiba għalhekk żiedet tiċċertifika illi – "**Skin injury sustained over right calf is currently still healing and therefore visible today. However I cannot commit to certify that this will be a permanent skin injury**". Illi, fit-testimonjanza tagħha it-tabiba tispjega illi din il-ferita damet biex tfieq u li kien għal din ir-raġuni li kienet għada qed tidher din it-tebgħa.

Issa, jidher li ma hemm ebda kontestazzjoni li, fil-fatt, il-ferita subita mill-parti offiża kienet waħda ta' natura ħafifa. L-appellant pero' jikkontendi li l-istess ferita kienet

[1] il-Pulizija vs Joseph Azzopardi – Deċiża nhar it-20 ta' Lulju 2004. Appell Kriminali Numru. 193/2003

waħda ta' importanza żgħira u allura kellha tinstab il-ħtija fil-parametri mfassla fl-Artikolu 221(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tingħata il-piena ndikata fl-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi. Jikkontendi mhux biss illi l-ferita riskontrata ma kenitx kompatibbli ma' gidma, kif allegat ,mill-parti offiża, iżda ukoll jirriżulta li t-tabiba rranġat iċ-ċertifikat mediku u l-klassifikazzjoni tal-ferita unikament għaliex l-parti offiża kien żarha għal darb'oħra ftit jiem qabel ma iddepona fil-qorti, u allura xahrejn wara li seħħ l-inċident, u dan għaliex Bugeja lmenta illi l-ferita baqgħatlu tebgħa, u mhux għaliex kellu xi konsegwenza oħra ta' natura serja bħal uġigħ, jew għax kellu bżonn xi trattament ulterjuri. Jilmenta l-appellant, illi Bugeja qatt ma xehed illi din il-leżjoni effetwatlu ħajtu b'mod negattiv kemm fiżikament kif ukoll moralment. Ġjaldarba għalhekk, fil-fehma tal-appellant, din ma ħalliet ebda konsegwenza, kwindi kellha tiġi ikklassifikata mill-Ewwel Qorti fil-parametri imfissra fl-artikolu 221(3).

Illi minn eżami tal-atti jirriżulta ppruvat li l-offiża subita mill-parti offiża, għalkemm, kif ingħad, huwa paċifiku li hija waħda ta' natura ħafifa, madanakollu jidher mill-evidenza medika illi din baqgħet viżibbli żgur sa xahrejn wara li seħħ is-sinistru u li wkoll l-istess kienet għadha ma fieqitx kompletament. Jikkonsegwi għalhekk illi fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi kliniċi l-ferita kkaġunata mill-appellant fuq Bugeja ma tistax titqies bħala waħda ta' importanza żgħira għall-finijiet tal-liġi u dan meta għadda iż-żmien u din baqgħet tidher tant illi Bugeja ħass li kellu jerġa' jikkonsulta mat-tabiba. Il-Qorti itenni illi ferita li xahrejn wara l-akkadut tkun għadha viżibbli bl-opinjoni medika tkun dik li din għada ma fieqitx, ċertament ma tistax titqies bħala ferita ta' importanza żgħira. Illi għalkemm isir kontro-eżami serrat quddiem l-Ewwel Qorti lil dan ix-xhud, madanakollu id-difiża ma tpoġġielu ebda domanda marbuta mal-ferita subita fl-inċident, kif lanqas isir kontro-eżami lit-tabiba li ċċertifikat dawn il-feriti. Għaldaqstant il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu ben raġjonati u legalment sensati meta sabet ħtija fit-termini tal-Artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali. Kienet korretta ukoll li sabet lill-appellant ħati tal-aggravanti għar-reat mfassal fl-Artikolu 222(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, stante li ma hemm ebda kontestazzjoni lanqas li l-vittma f'dan il-każ kien membru tal-korp tal-Pulizija li fil-ħin tal-inċident kien qed jaqdi dmirijietu.

Għalhekk, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju minnu vventilat, l-appellant jilmenta minn kunflitt serju fil-provi kkumpilati li jwassal għall-dubbju raġonevoli dwar il-kommissjoni tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi, stante li dan l-aggravju huwa strettament marbut mal-apprezzament tal-provi kif magħmul mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dana sabiex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[2].

Illi, minn eżami akkurat tal-atti proċesswali jirriżulta illi nhar it-22 ta' Diċembru tas-sena 2020 għal ħabta tas-18:40, il-Pulizija ġew infurmati li kien hemm ġlieda ġewwa Triq il-Ferrovija, il-Ħamrun. PC 455 Gabriel Bugeja rrikorra fuq il-post fejn osserva tnejn minn nies jiġġieldu bl-idejn u għalhekk mar sabiex iferraqhom. Kif għamel hekk dawn it-tnejn minn nies daru għalih u ppruvaw iħebbu għalih, tant li l-istess kuntistabbli kellu juża l-*pepper spray*. Meta għamel hekk, wieħed mill-irġiel ħarab minn fuq il-post filwaqt li l-ieħor, li irriżulta li kien l-appellant, ġie arrestat minn PC 455. L-appellant madanakollu irreżista l-arrest u waqt li l-kuntistabbli kien qed jipprova jimmanettjah, l-istess appellant gidmu f'siequ fuq il-pexxul tal-lemin. L-appellant kien fi stat ta' sokor u ma jiftakar xejn dwar id-dinamika ta' dan l-inċident tant illi kellu jittieħed l-isptar minħabba fil-ġrieħi li sofra fit-taqtiegħa.

PC 455 jikkonferma fix-xiehda tiegħu, illi kien propju l-appellant li gidimlu saqajh u identifikah fl-awla. Din l-verzjoni tal-fatti kienet ikkorroborata minn PC 659 Clayton Abela kif ukoll minn PC 799 Alex Sultana u PC 868 Russell Psaila. Meta mistoqsi dwar l-istat ta' sokor tal-appellant, PC 868 kien skjett u spjega li għalkemm l-appellant

[2] Ara fost oħrajn l-Appelli Kriminali Sede Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

verament kien fis-sakra, kellu biżżejjed saħħa sabiex jirreżisti l-arrest tiegħu u kien biss wara li ġie mmanetjat li beda jintelaq u ma ridx ikellimhom.

Illi, minn naħa l-oħra, l-appellant ma jitfa' l-ebda xaqq ta' dawl fuq l-akkadut. Fl-istqarrija mogħtija minnu lill-Pulizija fit-23 ta' Diċembru 2020, meta ġie mistoqsi dwar l-inċident *de quo* huwa sempliċiment stqarr li - "**Ma niftakarx għax il-probabilita' hi li l-whiskey innokjani**". Kompla jistqarr li – "**Kont qiegħed għand klijent tiegħi, ma niftakarx illi tlaqt mingħandu u lanqas niftakar jekk kien miegħi barra fit-triq jew le. Jiena qomt x'ħin kont l-isptar. Ngħid li kien hemm aktar nies għand il-klijent tiegħi, pero' ma niftakarx jekk xi ħadd qabel minnhom setax kien preżenti miegħi fit-triq. Pero' niftakar li l-perit telaq qabel**". Apparti minn dan, ma kien jiftakar xejn aktar pero' huwa għalaq l-istqarrija tiegħu billi qal - "**Jiddispjaċini li għamilt hekk u li gdimt saqajn il-Pulizija għalkemm ma nafx min hu, u għalkemm ma niftakarx**".

Illi meta xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, huwa ukoll ma żied xejn ma' dak mistqarr lil Pulizija, iżda sempliċiment tenna – "**Ezattament ma nafx x'ġara f'dawk il-mumenti. Nixtieq niskuza ruħi mal-korp kollu tal-pulizija, ma dawk in-nies li kienu hemmhekk u qatt ma kienet l-intenzjoni tiegħi li jiġri dak li ġara**".

Illi, sussegwentement ix-xhud *in difesa* Joseph Galea xehed li l-ġlieda in dizamina inqalgħet meta kien ser jħebb għalih persuna ta' nazzjonalità Torka u l-appellant intervjena sabiex jiddefendieh:–

> **Dunstan għalkemm kien diġà kellu xi drinks induna qisu x'ħa jiġri u qam iwaqqfu because dan il-persuna hu b'saħħtu ħafna. Milli jidher kien xi boxer jew ma nafx xix. U Dunstan mar iwaqqfu, beda jkellmu bit-Tork ma bdejtx nifimhom, beda jżommu, dan beda jirrabja għal xejn, jiġifieri assolutament m'għandiex idea għalxiex dan ried jaħbat għalija. Assolutament. Dunstan qam biex iwaqqfu imbagħad beda jiġbdu u jimbottah 'l barra mid-dar, aħna konna kolla ixxukjati. Dunstan irnexxieli jkaxkru lejn il-bieb ta' barra qalli ħa noħorġu l-barra ma jmurx jagħmel xi waħda. U ħarġu l-barra u jiena għalaqt il-bieb u huma komplew jiddiskutu barra, bdejt nismagħhom ftit imma ħarġu mill-vizwali anki tal-camera.**

Illi, madanakollu, meta Galea ġie mistoqsi dwar il-mument tal-arrest tal-appellant u dwar il-fatt jekk l-istess appellant fil-fatt rreżisistiex l-arrest *o meno*, huwa ma kellux xi jgħid għax ma kien ra xejn minn dan kollu peress li ma kienx preżenti barra ft-triq.

Illi, ukoll xhud *in difesa* ieħor, Jean Ulusoi, jgħid li kien hu li kellu l-argument mal-appellant dakinhar tal-inċident pero' jikkjarifika li dan ma kienx argument bl-idejn iżda wieħed bil-kliem, liema verżjoni tal-fatti tikkontradixxi dak li xehed ix-xhud l-ieħor *in Difesa*, Joseph Galea.

Illi, għaldaqstant, a bażi tal-provi prodotti, u anke in vista tal-ammissjoni tal-appellant, dina l-Qorti hija moralment konvinta li hija l-verzjoni tal-fatti mogħtija mill-membri tal-korp tal-Pulizija li għandha mis-sewwa u mhux dik tal-appellant. Għalhekk, anke it-tieni aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Iżid l-appellant fit-tielet aggravju tiegħu illi l-apprezzament żbaljat magħmul mill-Ewwel Qorti wassal erronjament għas-sejbien ta' ħtija għar-reat imfassal fl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali u dan għaliex ġaladarba, fil-fehma tiegħu, huwa ma kienx fi stat ta' saħħa fiżika sabiex joffri ir-resistenza li jitkellem dwarha dan l-artikolu tal-liġi, kwindi r-reat ma setax jissussiti. Fil-fatt igħid illi l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-uffiċjali tal-pulizija involuti fl-arrest tiegħu tant hija konfliġġenti dwar dan il-fatt, u ċioe' jekk huwa kienx f'sensieh jew le mal-mument tal-arrest, illi dan id-dubbju kellu jimmilita favur tiegħu biex b'hekk l-Ewwel Qorti kellha tgħaddi biex tillibera lill-appellant minn din l-ewwel imputazzjoni.

Illi dak li donnu jinsa l-appellant, madanakollu, huwa l-fatt li huwa irreġistra ammissjoni għat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u allura ammetta illi għamel offiża fuq il-persuna ta' l-uffiċjal tal-pulizija waqt li dan kien qed jaqdi dmirijietu u fil-fatt ammetta li ikkawża ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC455. Kif ammetta ukoll il-kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'għajjat u ġlied u li naqas milli jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-pulizija. Żgur u mhux forsi illi l-appellant ma setax jikkometti dawn ir-reati jekk huwa ma kienx f'sensieh u allura l-argumenti tiegħu illi r-reat maħsub fl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali ma jissussistiex għaliex skontu hemm xi dubbju dwar dak li verament seħħ u jekk huwa gidimx jew le lil PC Bugeja, ma jistgħux ireġu.

Illi għalkemm hija il-fehma tal-Qorti illi z-zewġ reati kkontemplat fl-artkolu 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali huma ġuridikament distinti u separati minn xulxin, madanakollu ma hemmx dubbju illi uħud mill-ingredjenti meħtiega sabiex jissussistu ż-żewġ reati huma identiċi bis-suġġett passiv tar-reat fiż-żewġ istanzi ikun l-uffiċjal pubbliku jew il-persuna inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-inġurja, it-theddid jew l-offiża fil-konfront ta'l-uffiċjal pubbliku. Issa din l-inġurja, theddida jew offiża trid issir jew (1)filwaqt illi l-uffiċjal pubbliku ikun qed jagħmel servizz pubbliku (2)jew inkella minħabba li ikun għamel dan is-servizz pubbliku, (3)jew bil-ħsieb li ibeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-artikolu 96, imbagħad għalkemm ukoll għandu bħala vittma l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali għal kostituzzjoni ta' dana ir-reat, u dan kif tajjeb delinejati mil-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza, liema attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-użu tal-forza, vjolenza jew bil-ħebb. Fit-tieni lok ir-reat irid jiġi kommess fil-konfront ta'uffiċjal pubbliku jew ta' persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. U fl-aħħarnett huwa necessarju illi l-attakk jew reżistenza kontra l-uffiċjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qiegħed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorita' kompetenti.

Illi kif igħallem il-Professur Mamo fin-noti tiegħu dwar id-dritt penali:

> ***"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith. .... Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."***

Dan b'distinzjoni mir-reat maħsub fl-artikolu 95 fejn hemmhekk l-att materjal jikkonsisti fl-inġurja, theddid jew offiża li ssir jew waqt li l-uffiċjal ikun qed jeżerċita il-funzjoni tiegħu fejn allura dik it-theddida, inġurja jew offiża ma tkunx neċessarjament marbuta mal-funzjoni tiegħu, jew inkella l-att materjali ikun kommess

wara dan il-qadi fejn allura irid ikun hemm in-ness bejn l-att materjali u l-qadi ta' din il-funzjoni. Dan kuntrarjament għall-att ta' insubordinazzjoni jew sfida li jippreżenta ruħu fl-artikolu 96, liema att huwa ta' ostakolu għall-eżekuzzjoni tal-liġi, fejn irid ikun hemm l-attakk jew resistenza bi vjolenza li titkellem dwarha l-liġi, elementi għal kollox nieqsa mir-reat taħt l-artikolu 95. Illi magħmula din l-espożizzjoni ta' dritt in materja l-Qorti tażżarda tgħid illi l-fattispeċje ta' dan il-każ kienu iktar jittalljaw mal-elementi meħtieġa sabiex jissussiti r-reat fl-artikolu 96 milli l-artikolu 95, billi dan kienx każ ċar ta' attakk magħmul jew resistenza offruta minn persuna filwaqt li l-uffiċjal pubbliku kien qed jipproċedi għall-eżekuzzjoni tal-liġi. Dan magħdud, madanakollu, l-appellant ammetta għat-tieni imputazzjoni u kwindi l-Ewwel Qorti għaddiet għal kundanna tiegħu fir-rigward.

Illi allura l-argumenti kollha li l-appellant jipprova iqanqal sabiex jeżimi ruħu mir-responsabbiltà penali għar-reat imfassal fl-artikolu 96, huma għal kollox mingħajr saħħa u dan għaliex l-ammissjoni tiegħu għar-reat l-oħra lilu addebitati tikkostitwixxi prova illi l-fatti inkriminatorji, li huma komuni għall-imputazzjonijiet l-oħra tassew seħħew u dan meta huwa għamel offiża fuq uffiċjal tal-pulizija, naqas milli jobdi l-ordnijiet leġittimi minnhom mogħtija u anke kiser il-paċi u il-bon ordni pubblika bl-aġir tiegħu. Dawn il-fatti probatorji huma biżżejjed sabiex iwasslu għal sejbien ta' ħtija għar-reat imfassal fl-artikolu 96 u dan għaliex ma huwiex ikkontestat minnu naqas milli jobdi l-ordnijiet mogħtija lilu mill-pulizija, u illi gidem lill-PC455 fil-mument li l-pulizija kien qed jipproċedi għall-arrest tiegħu, u mhux għal xi raġuni oħra. Fuq kollox l-appellant ma jitfa' l-ebda dawl fuq dak li verament seħħ billi jgħid li ma jiftakar xejn mill-akkadut.

Għaldaqstant għal dawn il-motivi anke dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għall-ġudizzju ta' din l-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta l-appellant kien ikkundannat il-piena ta' sena

priġunerija li ġiet sospiża għal żmien sentejn, kif ukoll multa ta' €4000. L-appellant jilmenta li l-piena nflitta fuqu kienet waħda esaġerata u kellha tingħata piena ferm aktar miti tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet meta ġiet għal kalibrazzjoni tal-piena:

> **Għall-fini tal-piena l-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat skuża ruħu għar-reati li kkommetta u wera r-rimors tiegħu ripetutament. Ammetta wkoll għall-parti l-kbira tal-akkużi fi stadju bikri u jidher li l-fedina penali tiegħu għalkemm mhijiex netta, mhijiex oneruża sa fejn tidħol in-natura ta' bosta mir-reati li ġie kundannat dwarhom fil-passat. Ma jirriżultax lanqas li huwa għandu xi vizzji evidenti li jeħtieġu li jiġu indirizzati (ara rapport tal-Uffiċjal tal-Probation, Gabriella James).**
>
> **Il-Qorti tiddeplora kull att ta' sfida multo magis vjolenza ta' kull xorta fil-konfront tal-forzi tal-ordni ta' pajjiżna li jwettqu rwol daqshekk fondamentali fil-protezzjoni tas-soċjeta' kollha u sabiex jiġi assigurat id-dixxiplina u ordni li tant hemm bżonnhom fis-soċjeta' mqanqla tal-lum. Għalhekk ma tistax ma tqisx bl-iktar mod gravi kull manifestazzjoni ta' vjolenza fil-konfront fuq uffiċjali tal-Pulizija fl-eżukuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom, uffiċjali li kuljum jaħbtu wiċċhom ma' perikolu u sfidi biex għall-benefiċċju ta' kull ċittadin, jieħdu ħsieb li s-soċjeta' li ngħixu fiha tkun waħda sigura. Għal dan, l-uffiċjali tal-Pulizija u kull uffiċjal pubbliku inkarigat bil-buon ordni pubblika jistħoqqilhom l-ikbar rispett, u dan għandu jiġi rifless ukoll fil-piena li tiġi erogata fuq sejbien ta' ħtija għal reati mwettqin fuq uffiċjali tal-Pulizija.**
>
> **Għalkemm il-Qorti tapprezza li l-imputat ma jiftakarx dak li seħħ għaliex kien fis-sakra, mhux ġustifikat taħt ebda ċirkostanza jaġixxi aggressivament u b'mod vjolenti lil uffiċjal tal-Pulizija li kien qed jagħmel xogħolu, anke jekk għamel dan bil-ħsieb li jipprotesta kontra l-arrest tiegħu. Dan l-aġir huwa eċċessiv, gravi u kundannabbli u jmur ferm lil hinn mill-animus protestandi rikonoxxut mill-ġurisprudenza in materja.**

Illi, dina l-Qorti taqbel pjenament ma' dak mistqarr mill-Ewwel Qorti u tikkondividi dawn il-konsiderazzjonijiet. L-appellant minn naħa tiegħu, għalkemm jilmenta illi l-piena hija waħda esaġerata u eċċessiva madanakollu ma jindikax fejn f'dawn il-konsiderazzjonijiet dettaljati, l-Ewwel Qorti setgħat errat u għaddiet biex tinfliġġi piena gravuża fuqu. Illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda fil-parametri tal-

liġi, tqarreb lejn il-minimu[3], u anke min-natura tagħha lanqas ma hi xi waħda oneruża tant illi ma imponietx il-ħabs effettiv fuq l-appellant. Magħdud dan kollu din l-Qorti ma ssib l-ebda motiv li jista' iġiegħla titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Il-Qorti spjegat lill-appellant Dunstan Williams il-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**It-terminu ta' sena konċess mill-Ewwel Qorti għal ħlas tal-multa inflitta, kif ukoll dak ta' tnax-il xahar fejn l-appellant Dunstan Williams intrabat b'obbligazzjoni tiegħu innifsu sabiex iżomm il-paċi ma' PC455 Gabriel Bugeja fit-termini tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, għandhom jibdew jiddekorri mil-lum.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**

[3] L-artikolu 96 jikkontempla l-piena ta' priġunerija minn sitt xhursa sentejn u għal multa ta' mhux inqas minn erbat elefeuro (€4,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro(€10,000)